TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

**Karmenu Bugeja**

**Vs**

**Jeffrey Pulis**

**CCT 178/24/MM**

**Illum,** 5 ta' Novembru 2024

**It-Tribunal**

Ra l-avviż tar-rikorrent ippreżentat fit-13 ta' Awwissu 2024 fejn talab is-somma ta' tlett mija u ewro u ħamsin ċenteżmu (€301.50), rappreżentanti spiża biex jinbidel is-samp ma ieħor b'kamin tajjeb.

Ra r-risposta tal-intimat preżentata fid-9 t'Ottubru 2024.

Ra l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawża.

Sema x-xhieda bil-ġurament.

**Ikkunsidra**

Illi r-rikorrenti jilmenta li f'Marzu 2023 mar għand l-intimat biex jibdel is-samp tal-karozza tiegħu. Illi wara erba' (4) xhur bdew jixgħelu xi bozoz fid-dashboard u meta mar għand l-Aġent tal-karozza kien qallu li l-karozza kienet nieqsa miż-żejt. Illi fi Frar 2024 reġa mar għand l-intimat biex jibdel iż-żejt. Wara li ħallas għas-servizz sab li ż-żejt kien baqa' jqattar. Illi l-intimat kien bidel il-washer u t-tapp ukoll iżda ż-żejt baqa' joħroġ. Illi r-rikorrenti

jargumenta li dan ifisser li l-intimat kien ħassar il-kamin billi qabdu ħażin u ssikkaħ iżżejjed.

Illi l-intimat irrisponda billi ċaħad li għamel xogħol ħażin u jinsisti li għandu jkun ir-rikorrent li jissostanjza t-talba tiegħu.

**Ikkunsidra**

Illi dan it-Tribunal jinsab rinfaċċjat b'żewġ verżjonijiet kunfliġġenti għal dak illi jolqot il-mertu tal-kawza u ċioe dwar min mill-partijiet huwa responsabbli għall-akkadut.

L-Artikolu 562 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi illi "l-obbligu tal-prova ta' fatt imiss dejjem lil min jallegah" waqt illi l-Artikolu 559 tal-Kap. 12 jipprovdi illi, "Il-qorti għandha fil-każijiet kollha tordna li ssirilha l-aħjar prova li l-parti tista' ġġib."

Konfrontata b'kunflitt ta' provi t-Tribunal irid jgħarbel liema verżjoni hija tassew l-aktar waħda kredibbli. Kif ingħad fil-prinċipji ta' dritt traċċjati aktar 'il fuq, it-Tribunal irid jagħmel evalwazzjoni dwar jekk verżjoni waħda teskludix l-oħra. Fil-każ tal-lum l-ebda verżjoni ma tista' tiskredita lill-oħra. Insab ravvisat fid-decizjoni fl-ismijiet "**Carmelo Farrguia –vs- Rokku Farrugia**", Prim' Awla, Qorti Civili, per Imhallef Maurice Caruana Curran, 24 ta' Novembru 1966, *"il-konflitt fil-provi huma haga li l-Qrati jridu minn dejjem ikunu lesti ghaliha. Il-Qorti ghandha tezamina jekk xi wahda miz-zewg versjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilita` u specjalment dawk tal-konsistenza u verosimiljanza, ghandiex teskludi lill-ohra, anke fuq il-bilanc tal-probabilitajiet u tal-preponderanza tal-provi, ghax dawn, f'kawzi civili, huma generalment sufficjenti ghall-konvinciment tal-gudikant."*

Illi t-Tribunal jinnota li għajr għat-talba tar-rikorrenti li spjega fil-qosor il-qofol tat-talba tiegħu, naqas li jsaħħaħ l-allegazzjoni tiegħu bi provi konkreti u relevanti. Illi t-Tribunal jinnota li r-rikkorenti naqas li:

- Jixhed huwa stess bil-ġurament jew jippreżenta affidavit tiegħu stess;
- Jidentifika l-vettura u l-għamla tagħha;
- Jispjega f'iżjed dettal u preċiżjoni meta saret l-allegata ħsara;
- Jippreżenta kopja tal-istima jew irċevuta biex juri li l-ammont minnu pretiż huwa reali, ġenwin u dovut;
- Jippreżenta kwalsiasi evidenza dokumentarja jew iressaq dawk ix-xhieda li setaw jgħinuh fil-kawża tiegħu.

Għal kuntrarju it-Tribunal jinnota li r-rikorrent ma ppreżenta l-ebda xrara ta' prova sabiex isostni t-talba tiegħu u lanqas attenda għas-seduta biex jati x-xhiedha tiegħu.

Illi applikati dawn il-principji għall-kaz in ezami, dan it-Tribunal iħoss li ma jistax jilqa' t-talba rikorrenti.

**Decide**

Ghall-motivi senjalati dan it-Tribunal qed jiċħad it-talba tar-rikorrenti bl-ispejjeż kontra tiegħu.

**Dr Martha Mifsud**

**Arbitru**